# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 17 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 4**

**Rikors numru 50/2019/1 JZM**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Pisani**

**Il-Qorti:**

1. B'digriet mogħti fit-28 ta' Marzu 2019, il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-appell numru 153/2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Pisani**, ordnat referenza kostituzzjonali lill-Prim'Awla wara li fis-seduta tal-14 ta' Frar 2019 id-difensur tal-appellant (illum appellat) talab li ssir referenza:-

> *".... fir-rigward tal-kostituzzjonalita' o meno tas-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti kif ukoll tal-fatt li l-artikolu 382 tal-Kap. 9 ma jindikax b'mod espress li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala*

*Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fi proċeduri hekk imsejħa sommarji għandu jkun fiha xi forma ta' motivazzjoni"*.

2. Il-fatti prinċipali li wasslu għar-referenza kostituzzjonali kienu s-segwenti:

i. L-appellat kien akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li fid-19 ta' Mejju 2015 għal ħabta tas-13:15 u wkoll wara ġewwa l-bini tal-Qorti:

(a) Hedded lil Claire Pisani;

(b) Ikkaġuna biża' lil Claire Pisani li ser juża l-vjolenza kontriha jew l-proprjeta` tagħha;

(c) Kiser il-paċi pubbliku u l-bon ordni b'għajjat u storbju;

(d) Naqas li josserva l-kundizzjonijiet jew xi waħda mill-kundizzjonijiet li kienu ġew imposti fuqu bl-ordni ta' protezzjoni li nħareġ kontrih fis-16 ta' Frar 2015.

ii. B'sentenza tal-21 ta' Marzu 2016 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-imputat ħati tal-ewwel tliet imputazzjonijiet u kkundannatu għall-tliet xhur priġunerija. Fis-sentenza ġew riprodotti l-imputazzjonijiet, u fil-parti tal-konsiderazzjoni jissemmew

biss d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali u eżatt wara hemm stampat:

*"Din il-Qorti qiegħda ssib lill-imsemmi imputat ħati tal-ewwel tliet akkużi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qiegħda tikkundannah għal tlitt xhur priġunerija u qiegħda tilliberah mir-raba' akkuża.*

*"Il-Qorti fissret fi kliem ċar, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat"*.

iii. F'dik is-sentenza ma ngħatawx ir-raġunijiet li wasslu lill-Qorti sabiex issib lill-imputat ħati tal-ewwel tliet imputazzjonijiet.

iv. B'rikors preżentat fit-22 ta' Marzu 2016 l-appellat appella mis-sentenza.

v. B'digriet mogħti fit-28 ta' Marzu 2019 il-Qorti tal-Appell Kriminali ordnat ir-referenza. F'dak id-digriet il-qorti għamlet referenza għall-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi:

*"Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħħhom dak ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat"*.

vi. Fid-digriet il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet:

*"Illi għalhekk in vista tad-diversi sentenzi li ngħataw minn din il-Qorti diversament preseduta minkejja li tali nuqqas ta' motivazzjoni ma tammontax għan-nullita' ta' sentenza stricto sensu jista' jagħti l-każ li jimpinġi fuq id-dritt tal-akkużat għas-smigħ xieraq sabiex ikun jaf ir-raġuni li fuqha instab ħati jew ġie liberat.*

*"Pero, sakemm issir emenda opportuna, ma hux il-każ li sentenzi ta' din ix-xorta jiġu annullati u għalhekk sa hawn tista' tasal din il-Qorti fir-rigward tal-aggravju ta' nuqqas ta' motivazzjoni*

*f'sentenza u għalhekk it-talba tal-appellant sabiex tali ilment jiġi mistħarreġ mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sede Kostituzzjonali jimmerita li tiġi approfondita minn dik il-Qorti u konsegwentement qiegħda tibgħat l-atti quddiem dik il-Qorti sabiex l-ilment tal-appellant jiġi hekk mistħarreġ minnha".*

3. B'sentenza tal-31 ta' Ottubru 2019 l-ewwel Qorti ddeċidiet:

*"Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qiegħda twieġeb għall-kweżit li għamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali bħala Qorti Referenti fl-aħħar paragrafu tal-provvediment li tat fit-28 ta' Marzu 2019 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Pisani billi tiddikjara illi bil-fatt illi s-sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-21 ta' Marzu 2016 fl-istess kawża ma kinitx motivata jikkostitwixxi ksur tal-jedd ta' Joseph Pisani għal smigħ xieraq kif dan il-jedd huwa mħares bl-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u bl-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*"Għalhekk qiegħda tibgħat dan il-provvediment flimkien mal-atti lura lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex ikompli bis-smigħ tal-appell fl-ismijiet il-Pulizija vs Joseph Pisani".*

4. Fit-8 ta' Novembru 2019, l-Avukat Ġenerali appella mis-sentenza bl-aggravju jkun:-

*"9.... Illi l-jedd għal smigħ xieraq irid jiġi eżaminat fit-totalita' tal-proċeduri kriminali u dan għalissa ma jistax isir peress li l-proċeduri in diżamina għadhom mhux konklużi.*

*"10. Illi l-appellat ma ġarrabx vjolazzjoni tal-jedd għal smigħ xieraq peress li jekk ħassu aggravat mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati għaliex ma kinitx motivata, hu seta' dejjem jappella minn dik is-sentenza kif fil-fatt għamel. Illi l-funzjoni tal-Qorti tal-Appell hija wkoll li tirrevedi u fejn ikun hemm bżonn tirrimedja għal dak li jiġri fil-Qrati tal-Ewwel Istanza. F'dan l-istadju hija l-Qorti tal-Appell Kriminali li għandha tiddeċiedi jekk ir-rikorrent għandux jinstab ħati jew le billi jew tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati jew tħassarha u tirrevokaha ġialadarba hemm aggravji f'dan is-sens u konsegwentement il-Qorti għandha tagħti r-raġunijiet tad-deċiżjoni tagħha".*

**Konsiderazzjoni.**

5. Fis-sentenza appellata l-parti tal-motivazzjoni li hi rilevanti għal dan l-appell hi s-segwenti:-

*"IV.* ***Intempestivita`***

*"Ghalkemm l-Avukat Generali mhuwiex qieghed formalment jeccepixxi l-intempestivita` tat-talba li saret minn Joseph Pisani, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jaghmel l-osservazzjoni li l-fondatezza tal- ilment kellha tkun mistharrga fil-kuntest tal-process kriminali fit-totalita' tieghu. Ghalhekk ladarba sar appell mis-sentenza tal-Ewwel Qorti zbalji jew nuqqasijiet ta` dik il-Qorti setghu jigu trattati quddiem fil-Qorti tat- Tieni Grad. Ghalkemm jirrizulta li l-kawza quddiem il-Qorti tal-Appell ghadu mhuwiex mitmum, il-Qrati taghna diga` ppronunzjaw ruhhom dwar il-materja sollevata mill-Avukat Generali anke jekk dan sar fin-nota ta` osservazzjonijiet.*

*"Inghad mill-qrati taghna illi ghalkemm huwa minnu li l-kwistjoni ta` jekk kienx imhares il-jedd ghal smigh xieraq tista` tigi evalwata meta jittiehed kont tal-procediment fl-assjem tieghu, u ghalhekk jista` jkun prematur li wiehed jiddeciedi dwar il-kwistjoni fi stadju bikri tal-process, meta jkun jirrizulta li diga` hemm ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-qorti tkun tista` tistharreg hemmx lezjoni, hija m`ghandhiex toqghod lura u tistenna sakemm jintemm il-kaz kollu sabiex tippronunzja ruhha jew addirittura tistenna li attwalment jinkiser il-jedd sabiex tippronunzja ruhha. Dan ghaliex jista` jinqala` l-kaz illi jkun tard wisq li l-qorti tintervjeni jew li l-persuna tibqa` minghajr rimedju.*

..........

*"Minn din ir-rassenja ta` gurisprudenza johrog illi meta l-proceduri li fil-kuntest taghhom isir l-ilment ikunu ghadhom mhux mitmuma, u ma jkunx ghadu maghruf kif se jkun zvantaggjat ir- rikorrent, il-procediment kostituzzjonali jitqies intempestiv. Ilment waqt proceduri li jkunu pendenti jista` jinghata konsiderazzjoni jekk id-dritt lamentat ikun x`aktarx ser jigi vjolat u l-ksur ikun wiehed reali u imminenti.*

*"Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar kif din il-gurisprudenza tista` jew ghandha ssib applikazzjoni fil-kuntest tal-fatti u cirkostanzi tal-procediment odjern.*

*"Il-gurisprudenza taghmel car il-punt illi hija fid-diskrezzjoni tal-qorti illi tevalwa jekk rimedju ordinarju li jista` jkun disponibbli ghar-rikorrent ikunx tajjeb, effettiv u bizzejjed sabiex jindirizza l-ilment tieghu.*

*"Il-Qorti tifhem u tapprezza li ghall-appellant Pisani l-kwistjoni ghadha mhijiex mitmuma ghaliex fl-appell li pprezenta ghad ghandu l-opportunita' illi jsostni l-ilment tieghu u jitlob revizjoni tad-decizjoni li nghatat fl-ewwel istanza.*

*"Il-Qorti qieset ukoll l-osservazzjonijiet li ghamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali u li wasslu lil dik il-qorti sabiex taghmel din ir-referenza.*

*"Mir-ricerka li ghamlet din il-Qorti, jirrizulta illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ta` spiss tkun rinfaccjata b`ilmenti varji dwar it-thaddim tal-Art 382 tal-Kap 9 mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali. Jidher illi l-applikazzjoni tad-disposizzjoni tiddependi bil-bosta mill-konsiderazzjoni tal-gudikant li jkun. Hemm min jaghzel li jkun xott u jmur mill-ewwel ghall-punt meta tinkiteb is-sentenza, u hemm min jidhol f`dettall. Sentenza fejn ma tinghatax motivazzjoni tqieghed lill-hati fi zvantagg sostanzjali hdejn persuna ohra li tinghata sentenza motivata.*

*"Fil-kaz tal-lum, bir-referenza li talab, Pisani ma jidhirx li qieghed jattakka l-legalita` tal-Art 382 tal-Kap 9.*

*"Li jidher li qed jittenta jaghmel huwa li jqieghed in diskussjoni l-mod kif kienet applikata d-disposizzjoni fil-konfront tieghu fil-kaz fejn kien akkuzat.*

*"Wara li rat l-atti tal-procediment kriminali kontra Joseph Pisani, li jikkostitwixxu l-unika prova li ghandha fil-procedura odjerna, hija l-fehma konsiderata taghha li fil-kaz tal-lum, anke jekk l-appell ghadu mhux mitmum, jehtieg li tintervjeni sabiex taccerta ruhha abbazi tal-kwesit li sarilha jekk l-applikazzjoni tal- Art 382 tal-Kap 9 jikkozzax mad-dritt ta` Pisani ghal smigh xieraq".*

6. Fir-rikors tal-appell li l-appellat ippreżenta fil-Qorti tal-Appell Kriminali, ilmenta li ma kellux jinstab ħati tal-ewwel tliet imputazzjonijiet għaliex:

i. Claire Pisani ma ftakritx meta seħħ l-inċident;

ii. Ix-xhieda kienu kollha *hearsay* peress li kienu uffiċjali tal-pulizija li rrakkontaw x'qaltilhom Claire Pisani;

iii. L-ewwel Qorti ammettiet bħala prova kopja ta' verbal ta' seduta li saret quddiem perit legali li m'huwiex awtentikat;

7. Għaldaqstant, il-meritu tal-appell li ressaq l-appellat hu dwar punti ta' fatt u ta' dritt. Aggravji li ser jiġu kkunsidrati mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Madankollu jibqa' il-fatt li s-sentenza tal-ewwel Qorti ma fihiex motivazzjoni. M'huwiex magħruf x'wassal lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex issib lill-appellat ħati tal-ewwel tliet imputazzjonijiet.

8. L-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> *"Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat"*.

9. Hu minnu li fl-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali ma jsemmix espressament li fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għandhom jissemmew ir-raġunijiet li jkunu wasslu lill-Qorti sabiex issib ħtija tal-imputat jew sabiex tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet. Disposizzjoni li għadha dik oriġinali tal-Ordni fil-Kunsill tal-1854. Madankollu, dak hu element essenzjali ta' kull sentenza li tingħata minn Qorti. Il-ħtieġa li jingħata *a reasoned judgment* hu garantit bil-jedd fundamentali għal smigħ xieraq u m'hemmx bżonn li dak l-element f'sentenza tissemma espressament f'liġi ordinarja.

10. L-ewwel Qorti qalet li, *"Fil-każ tal-lum, bir-referenza li talab, Pisani ma jidhirx li qiegħed jattakka l-legalita' tal-Art. 382 tal-Kap. 9"*. Fil-fatt fil-parti dispożittiva tas-sentenza m'għamlet l-ebda dikjarazzjoni fir-rigward ta' dik id-disposizzjoni, u llimitat biex tgħid li n-nuqqas ta' motivazzjoni fis-sentenza l-Pulizja v. Joseph Pisani, *".... jikkostitwixxi ksur tal-jedd ta' Joseph Pisani għal smigħ xieraq kif dan il-jedd hu mħares bl-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u bl-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta"*.

11. Hu element essenzjali ta' kull sentenza li tingħata minn Qorti li jkun fiha motivazzjoni. Fis-sentenza **Sepanyan v. Armenia** (4508/04) tas-27 ta' Ottubru 2009:-

> *"35. The Court reiterates that, according to its established case-law reflecting a principle linked to the proper administration of justice,* ***judgments of courts and tribunals should adequately state the reasons on which they are based****. The extent to which this duty to give reasons applies may vary according to the nature of the decision and must be determined in the light of the circumstances of the case. Although Article 6 § 1 obliges courts to give reasons for their decisions, it cannot be understood as requiring a detailed answer to every argument. Thus, in dismissing an appeal, an appellate court may, in principle, simply endorse the reasons for the lower court's decision (see García Ruiz v. Spain [GC], no. 30544/96, § 26, ECHR 1999-I, and Hirvisaari v. Finland, no. 49684/99, § 30, 27 September 2001)"*.

12. Hekk ukoll fis-sentenza **Melnic v. Moldova** (6923/03) tal-14 ta' Novembru 2006 l-istess Qorti qalet:

> *"37. The Court reiterates that Article 6 § 1 of the Convention obliges the courts to give reasons for their judgments. In Ruiz Torija v. Spain,*

> *(judgment of 9 December 1994, Series A no. 303-A), the Court found that the failure of a domestic court to give reasons for not accepting an objection that the action was time-barred amounted to a violation of that provision"*.

13. Mingħajr *a reasoned judgment*, il-ħati ma jkunx tpoġġa f'posizzjoni li jkun jaf x'wassal lill-Qorti biex sabitu ħati tal-imputazzjonijiet jew uħud minnhom, u li jkun jista' jagħmel appell kif suppost. Fis-sentenza **Hadjianastassiou v. Greece** (12945/87) tas-16 ta' Diċembru 1992,[1] il-QEDB qalet:-

> *"33. The Contracting States enjoy considerable freedom in the choice of the appropriate means to ensure that their judicial systems comply with the requirements of Article 6 (art. 6).* ***The national courts must, however, indicate with sufficient clarity the grounds on which they based their decision. It is this, inter alia, which makes it possible for the accused to exercise usefully the rights of appeal available to him.*** *The Court's task is to consider whether the method adopted in this respect has led in a given case to results which are compatible with the Convention"*.

14. Fid-digriet tat-28 ta' Marzu 2019, il-Qorti tal-Appell Kriminali ħadet il-posizzjoni li meta tqis il-ġurisprudenza li rreferiet għaliha, in-nuqqas ta' motivazzjoni ma jwassalx għan-nullita` tas-sentenza *'stricto sensu'*. Saħansitra, kompliet li sakemm l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali ikun emendat, *"... ma hux il-kaz li sentenzi ta' din ix-xorta jiġu annullati....."*.

15. Pero` hu fatt li l-kawża ma waqfitx mas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-21 ta' Marzu 2016. L-appellat appella minn dik is-sentenza,

---

[1] L-ewwel Qorti għamlet referenza għaliha, ara paġna 41 tas-sentenza.

u dan ser iwassal sabiex il-każ jerġa' jiġi mistħarreġ mill-bidu mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Dik il-Qorti tisma' u tiddeċiedi appelli li għandhom x'jaqsmu ma' punti ta' fatt u ta' liġi. Dan ifisser li ser tikkunsidra mill-ġdid il-provi u tasal għall-konklużjoni tagħha dwar il-meritu. Inoltre, f'dan il-każ żgur li ma jistax isir l-argument li fi stadju tal-appell m'huwiex daqstant faċli li jinbidel l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti. Qiegħed jingħad hekk għaliex is-sentenza tal-21 ta' Marzu 2006 ma fiha l-ebda motivazzjoni. Ħadd ma jaf x'wassal lill-ewwel Qorti biex tiddeċiedi l-każ b'dak il-mod ħlief il-ġudikant li kiteb is-sentenza. Apparti li dan m'għandux ikun, min-naħa l-oħra żgur li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tista' tagħti ebda piż lis-sentenza tal-21 ta' Marzu 2016 li tat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

16. Fis-sentenza **Huseyn and Others v Azerbaijan** (35485/05, 35680/05, u 36085/05) tas-26 ta' Lulju 2011, il-QEDB qalet:

> *"214. The Court notes that <u>proceedings, viewed as a whole</u>, can be considered fair if any defects of the original trial are subsequently remedied by the appeal courts (see, mutatis mutandis, Edwards v. the United Kingdom, 16 December 1992, § 39, Series A no. 247-B, and De Cubber, cited above, § 33, Series A no. 86, with further reference to Adolf v. Austria, 26 March 1982, §§ 38-40, Series A no. 49). However, contrary to the Government's argument in the present case, the Court considers that none of the defects of the original trial were remedied either by the Court of Appeal or the Supreme Court, since those courts either refused (the Court of Appeal) or had no competence (the Supreme Court) to conduct a new hearing on points of both fact and law entailing a fresh judicial examination of the evidence and the parties' legal and factual arguments. Moreover, both courts merely reiterated the trial court's findings and did not address the numerous complaints made by the applicants concerning the various defects in the trial, summarily*

> *rejecting those complaints as unsubstantiated without giving any reasoning"*.

17. Il-ġurisprudenza lokali taċċetta li għal finijiet tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, għandhom jiġu eżaminati l-proċeduri fl-intjier tagħhom.

18. Hu minnu li mhux magħruf x'ser ikun l-eżitu tal-appell. Madankollu, il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha poteri wesgħin li tagħmel apprezzament tal-fatti li hu għal kollox indipendenti minn dak tal-ewwel Qorti u tħassar is-sentenza li biha l-appellat kien kundannat għal tliet xhur priġunerija. F'dan ir-rigward l-Artikolu 428(6) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li:

> *"Jekk l-appell ikun biss fuq il-mertu tal-kawża, il-qorti superjuri għandha tiddeċidi l-kawża billi twettaq, tbiddel jew tħassar is-sentenza li minnha jkun sar appell"*.

19. Għalhekk ma jistax jingħad li n-nuqqas tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ser iwassal bilfors sabiex jippreġudika l-*fairness* tal-proċeduri kriminali. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Judge v. The United Kingdom** (35863/2010) tat-8 ta' Frar, 2011 fejn il-QEDB osservat:

> *"38. Lastly, in contrast to the Belgian appeal provisions considered in Taxquet, the Court is also satisfied that the appeal rights available under Scots law would have been sufficient to remedy any improper verdict by the jury. Under section 106(3)(b) of the 1995 Act, the Appeal Court enjoys wide powers of review and can quash any conviction which amounts to a miscarriage of justice; in particular, Ainsworth and Rooney, cited above, make clear that the Appeal Court may quash or vary any jury verdict which is logically inconsistent or lacking in rationality"*.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tħassar is-sentenza tal-ewwel Qorti, u tiddikjara li r-referenza li ordnat il-Qorti tal-Appell Kriminali bid-digriet tat-28 ta' Marzu 2019 ma kienx hemm lok għaliha għar-raġunijiet li ngħataw fil-parti tal-konsiderazzjoni ta' din is-sentenza.

Spejjeż kollha a karigu tal-appellat stante li kienet fuq talba tiegħu li l-Qorti tal-Appell Kriminali ordnat ir-referenza.

Ir-Reġistratur għandu jieħu ħsieb li kopja ta' din is-sentenza titpoġġa fil-proċess tal-appell fl-ismijiet il-Pulizija v. Joseph Pisani (appell 153/2016) sabiex il-Qorti tal-Appell Kriminali tkompli bis-smigħ tal-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr